MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA
## ONOR. IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA

Seduta tat-23 ta' Gunju, 2015

Mandat Numru. 691/2015/1

**Charles Schembri ID Numru: 0702556M bin il-mejjet Joseph u l-mejta Josephine nee Calleja mwieled Floriana residenti Naxxar**

**Vs**

**Victor Vella ID Numru: 0020386G bin Carmel u Margaret nee Azzopardi mwieled Victoria Ghawdex u residenti Marsalforn Ghawdex**

**Il-Qorti ,**

Rat ir-rikors ta' Charles Schembri tas-27 t'April 2015 li jaqra hekk:

*"Illi l-esponenti, sabiex jikkawtela l-kreditu hawn taht imsemmi kontra l-intimat, umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti li tordna l-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni kontra l-intimat sabiex jinzamm milli jbiegh, inehhi, jittrasferixxi jew jiddisponi inter vivos sew b'titolu oneruz jew gratuwitu xi proprjeta', u mod partikolari*

1) *Appartament internament mmarkat numru wiehed (1) formanti parti minn Blokk appartamenti bla numru ufficcjali izda bl-isem Padre Pio Court go Triq l-Esperanto Msida , liema blokk inbena flokk id-dar 13, Villino Farnham Triq Esperanto Msida;*

2) *Fuq l-istima li ghandu l-intimat fis-socjeta' V&M Vella Imports Limited C49044;*

3) *Fuq l-istima li ghandu l-intimat fis-socjeta' Deluxe Properties Limited C63762;*

*Ghaldaqstant l-esponenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tordna l-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni in kwistjoni kontra l-intimat.*

*Kreditu: €33,000 tlieta u tletin elf u hames mitt Ewro*

*Titolu: prezz ta' dghajsa kif mitluba fil-kamra bejn l-istess partijiet, Rikors Guramentat numru: 140/14*

Rat id-digriet tas-27 t'April 2015 illi bih il-Qorti laqghet it-talba tar-rikorrenti provvizorjament, u ordnat in-notifika tal-atti lill-kontro parti u appuntat ir-rikors ghas-smiegh ghall-udjenza tal-11 ta' Mejju 2015 1:00pm.

Rat illi l-atti tar-rikors, d-digriet u l-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati lill-intimat skond il-ligi permezz tal-procedura tal-affissjoni fl-14 ta' Mejju 2015, pubblikazzjoni fil-gazzetta tal-Gvern fil-15 ta' Mejju 2015, izda ebda publikazzjoni f'gurnali lokali ma gew ezebiti, u ghaldaqstant il-Qorti tqis illi Victor Vella gie fil-fatt notifikat **fid-data tal-1 ta' Gunju 2015** meta prezenta r-risposta tieghu;

Rat in-nota responsiva ta' Victor Vella tal-1 ta'Gunju 2015 (a fol. 13 ) li taqra hekk:

*"**Il-Fatti fil-qosor li taw lok ghall-procedura odjerna***

*Il-partijiet innegozjaw il-bejgh da parti ta' l-intimat Victor Vella a favur tar-rikorrent Charles Schembri fejn l-istess Schembri obbliga ruhu li jixtri minn ghand Vella tlett*

*appartamenti u tlett garaxxijiet bil-prezz ta' mija u tmienja u ghoxrin elf Lira Maltin. Schembri talab li jhallas parti mill-prezz permezz ta' dghajsa u l-intimat Vella, biex ma jitlifx il-bejgh tal-imsemmija appartamenti u garaxxijiet, accetta li parti mill-prezz jithallas permezz ta' dghajsa. Il-prezz miftiehem tad-dghajsa kien ta' tnejn u erbghin elf Ewro (€42,000). Ir-rikorrent Schembri ma onorax il-weghda tieghu li jixtri l-imsemmija proprjeta u jrid li l-intimat Vella jhallsu l-prezz tad-dghajsa. Ghal dan l-ghan istitwixxa kawza kontra Vella li ggib in-numru 140/14JZM, li minn naha tieghu Vella qed jichad kwalunkwe pretensjoni abbazi tal-fatt illi se mai l-partijiet jergghu jmorru lura ghal posizzjoni li kellhom qabel u cioe illi Schembri jerga jiehu lura d-dghajsa u mhux jippretendi l-hlas taghha. Infatti qabel ma gew intavolati l-imsemmija proceduri, Vella kien diga gharraf lir-rikorrent Schembri biex jiehu lura d-dghajsa, izda hu flok ma ghamel dan istitwixxa l-proceduri fuq imsemmija flimkien ma zewg Mandati kawtelatorji wiehed ta'Qbid numru 596/14 u iehor ta' Sekwestru numru 193/14, kif ukoll issa t-tielet Mandat din id-darba ta' Inibizzjoni, u cioe l-Mandat odjern.*

***Elementi rikjesti mill-ligi ghall-hrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni***

*Ai termini ta' l-artikolu 873*

*(1) L-iskop tal-mandat ta' inibizzjoni hu dak li jzomm persuna milli taghmel kwalunkwe haga li tkun li tista' tkun ta' pregudizzju ghall-persuna li qed titlob il-mandat.*

*(2) Il-qorti m'ghandhiex tohrog tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa mehtieg sabiex jitharsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li dak ir-rikorrent prima facie jidher li ghandu dawk il-jeddijiet.*

***Sottomissjonijiet***

*1. Illi fl-ewwel lok, l-esponent jigbed l-attenzjoni ta' dina l-Onorabbli Qorti illi marbut mat-talba pretiza mir-rikorrent, huwa diga ghandu favur tieghu (1) Mandat ta' Qbid numru 596/14 (dok. A anness) li permezz tieghu huwa gia qabad id-dghajsa mertu tal- Mandat ta' Inibizzjoni odjern, liema dghajsa fuq talba tar-rikorrent stess giet mehuda fil-kustodja ta'*

*konsenjatarju nominat u maghzul minnu stess, u ilha hekk fil-pussess ta' l-istess konsenjatarju minn meta hareg l-imsemmi Mandat ta' Qbid fil-25 t'April 2014;*

*Illi l-prezz ta' l-imsemmija dghajsa huwa ta' tnejn u erbghin elf Ewro (€42,000) u ghalhekk it-talba fil-Mandat odjern ta'tlieta u tletin elf Ewro (€33,500) hija diga ben kawtelata b'dak il-Mandat ta' Qbid;*

*(2) Mandat ta'Sekwestru numru: 193/2014 (dok. B anness) ghas-somma ta'tnejn u erbghin elf u hames mitt ewro (€42,500);*

*konsegwentament l-istess somma diga hija ben kawtelata b'zewg Mandati precedenti;*

*2. Illi, in oltre, r-rikorrent kellu fil-pussess tieghu dghajsa li tappartjeni lill-esponent, liema dghajsa r-rikorrent biegh lill terzi bil-prezz ta' disat elef u hames mitt Ewro (€9,500), liema rikavat ir-rikorrent zamm ghalih u sal-gurnata tal-lum ghadu ma rrifondihomx lill-esponent;*

*3. Illi fl-udjenza tal-25 ta' Mejju 2015 ir-rikorrent ggustifika l-hrug tal-mandat odjern abbazi tal-fatt illi l-valur tad-dghajsa ddepprezza. Fil-ftit hin li l-partijiet dehru quddiem dina l-Onorabbli Qorti, ir-rikorrent ta l-impressjoni lill Qorti illi l-intimat huwa mithla tal-Qorti billi ghandu diversi pendenzi ma terzi u li huwa difficli biex jigi notifikat tant illi r-rikorrent fil-proceduri odjerni kellhu jirrikorri ghal procedura tal-affissjoni.*

*Bl-akbar rispett, fir-rigward tad-depreciation', ir-rikorrent seta' facilment ha lura d-dghajsa sa mis-17 ta' Novembru 2013 meta l-esponent gharrfu li huwa seta jaghmel dan b'email li ggib l-istess data (dok. C anness), kien ikun l-posizzjon li jiddispona minnha u ghal grazzja tal-argument igib il-prezz reali taghha, izda minflok ghar-ragunijiet tieghu, ir-rikorrent ghogbu jwarrab dan kollu, johrog zewg Mandati kontra r-rikorrenti u issa permezz ta' dan it-tielet Mandat jippretendi sahansittra illi jwaqqaf lill-esponenti milli jiggestixxi n-negozju tieghu fil-qasam tal-proprjeta;*

*Illi fir-rigward tal-pendenzi ma terzi, l-esponent jichad kategorikament illi huwa ghandu obbligazzjonijiet finanzjarji ma terzi. Dan huwa kollu gideb u qed jintuza mir-rikorrent biex jiskurah f'ghajnejn il-Qorti u biex jiggustifika l-hrug ta' dan it-terz mandat kontra tieghu.*

*Ghal kuntrarju, l-esponent spicca vittma ta' manipulazzjoni mir-rikorrent meta kien ir-rikorrent innifsu li mar lura minn kellmtu u ma onorax l-arrangament li kien intlahaq bejniethom u cioe dik li jixtri l-proprjeta minn ghandu;*

*Illi fir-rigward tal-fatt illi huwa ma setax jigi notifikat bil-proceduri odjerni, ir-rikorrent joqghod ordinarjament fl-indirizz indikat f'dan ir-rikors u ma jistax jifhem kif il-marixxal qatt ma sabu hemm, u kif kellha tintuza l-procedura tal-affissjoni biex jigi notifikat bil-proceduri odjerni. Tant hu hekk illi z-zewg mandati l-ohra mahruga mir-rikorrent u citati aktar il-fuq, gew notifikati lilu bil-procedura normali. Ghaldaqstant ma hemm xejn irregolari fil-komportament tal-esponent, kuntrarju ghal dak li r-rikorrent qed jipprova jaghti impressjoni fuqhu lill dina l-Qorti;*

*4. Illi fir-rikors odjern, ir-rikorrent jitlob lill dina l-Onorabbi Qorti il-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni kontra l-esponent milli jbiegh, jittrasferixxi jew jiddisponi inter vivos jew b'titolu onoruz (1) l-appartament numru 1, Padre Pio Court, Triq Esperanto, Msida; (2) l-ishma li ghandu gewwa s-Socjeta V & M Imports Limited C 49044; (3) l-ishma li ghandu fis-socjeta Deluxe Properties Limited C 63760; u (4) milli jbiegh xi proprjeta.*

*Illi barra l-fatt illi l-Mandati precedenti wahedhom diga jikkawtelaw ampjament it-talba vantata mir-rikorrent fil-Mandat odjern u konsegwentament ma hemm l-ebda bzonn illi t-talba tar-rikorrent tigi kawtelata ulterjorment permezz tat-talba maghmula fil-Mandat odjern, bla pregudizzju ghal dan, l-appartament numru 1, Padre Pio Court, Triq Esperanto, Msida huwa stmat li ghandu valur ta' elf u tlett mitt Ewro (€130,000) skond l-istima tal-Perit Arkitett Samuel Formosa annessa u mmarkata dok. D, u cioe mitt elf ewro (€100,000) aktar minn dak illi qed jittanta jikkawtela r-rikorrent;*

*5. L-istess jinghad ghall-ishma tal-kumpaniji illi l-esponenti ghandu sehem fihom, ir-rikorrent qed jitlob illi jzomm lill-esponent mill-bejgh taghhom;*

*6. Illi oltre minn dan, ir-rikorrent fil-proceduri odjerni sahansittra jitlob illi l-esponenti jigi inibit "milli jbiegh ... ... xi propjeta", liema talba kemm il-darba tigi milqugha defenittivament twassal jew ghandha l-effett biex l-esponent ma jista' jbiegh l-ebda proprjeta' li ghandu jew li jista' jkollu, u dan meta r-rikorrent diga ghandu x'jaghmel tajjeb ghat-talba vantata minnu;*

*7. Illi f'dan ir-rigward, referenza ssir ghas-sentenza fl-ismijiet* ***Sammut Josephine vs Sammut Emanuel et****, Prim Awla, deciza fit-03 ta' Lulju 2003, fejn dina l-Onorabbli Qorti diversament preseduta ddikjarat illi:*

> *"Il-Mandati kawtelatorji ghandhom skop preciz u jridu jintuzaw biex jigu salvagwardjati l-interessi ta' min jitlob il-hrug taghhom, u mhux biex jissikkaw il-pretiz debitur jew ghall-pika jew bi hsieb malizzjuz iehor. Kreditur ghandu dritt jitlob il-hrug ta' kull mandat permess bil-ligi, pero', ghandu jikkontrolla l-effetti taghhom hu stess u jekk jara li hu kopert aktar milli hu mehtieg, ghandu jirregola ruhu u jitlob hu stess it-tnaqqis jew thassir ta' xi mandat partikolari. Il-mandati m'ghandhomx jintuzaw bhala magna ta' estorzjoni, izda bid-debita prudenza, u l-abbuz jista', u ghandu, jigi sanzjonat bl-imposizzjoni tal-penali.*
>
> *Il-kundanna tal-penali taht l-artikolu 836(8) ghandha issir, fil-fehma tal-Qorti, mhux biss jekk xi wahda mic-cirkostanzi elenkati fil-paragrafi ta' wara jkunu jezistu meta intalab il-hrug tal-mandat, izda anke jekk, dawk ic-cirkostanzi, javveraw ruhhom fil-mori tal-validita' tal-mandat, u ma jittiehdux passi korrettivi u immedjati mill-kreditur. Mandati kawtelatorji huma, min-natura taghhom, sikanti fuq il-pretis debitur, specjalment meta, fl-istadju li jinhargu, ma jkunx ghad hemm determinazzjoni tal-pretensjoni tal-kreditur, u kwindi ghandhom jigu ikkontrollati kontinwament, u l-htiega jew l-estensjoni taghhom ivverifikata skond ic-cirkostanzi."*

*Fil-kawza fl-ismijiet* ***Dr. Norval Desira noe vs Cerfar Limited,*** *Prim Awla, deciza fit-03 t'April 2003, il-Qorti ddikjarat illi:*

*" It-thassir kemm in toto kif ukoll in parte ta' mandat kawtelatorju ai termini ta' l-artikolu836(1) (c) tal- Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malto jista' jigi akkordat jekk ikun hemm garanzija xierqa ohra sabiex tissodisfa l-pretensjoni ta' min ikun talab il-hrug ta' l-att*

*kawtelatorju sew bil-hrug ta' att kawtelatorju iehor, jew inkella jekk dik il-garanzija ohra tista' gha-sodisfazzjoni tal-Qorti tassigura bizzejjed il-pretensjoni.*

*Tista' tezisti garanzija xierqa ohra bil-hrug ta' l-att kowtelatorju iehor dwar l-istess pretensjoni."*

*Referenza ssir ukoll ghal kawza fl-ismijiet* **Charles Mugliett vs Saviour Bonnici**, *Prim Awla, deciza fil-25 ta' Jannar 2005, il-Qorti ddikjarat wkoll illi:*

> *"L-għan ta' talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni huwa dak li, fost l-oħrajn, iżżomm persuna milli li tagħmel xi ħaġa li tkun li tista' tkun ta' ħsara lill-parti li titlob il-ħruġ tal-mandat. Il-liġi taħseb ukoll biex tħares minn ħsara jew preġudizzju bħal dan li jista' jitwettaq meta parti teħles minn bini jew immobbli, billi żżomm milli jsir bejgħ, trasferiment, jew tneħħija ta' ġid bħal dan;*
>
> *Illi bil-liġi, jeħtieġ li r-rikorrent juri żewġ ħwejjeġ biex ikun jistħoqqlu jikseb il-ħruġ ta' Mandat bħal dak. L-ewwel ħaġa li jrid juri hi l-mandat huwa meħtieġ biex jitħarsu l-jeddijiet pretiżi mir-rikorrent. It-tieni ħaġa hi li r-rikorrent jidher li għandu, mad-daqqa t'għajn (prima facie) dawk il-jeddijiet. Minn kliem il-liġi nfisha, iż-żewġ elementi huma kumulativi u mhux alternativi. Jekk xi wieħed minn dawn iż-żewġ elementi ma jirriżultax, il-Qorti għandha tiċħad it-talba għall-ħruġ ta' mandat bħal dak. Siewi wkoll li wieħed iżomm quddiem għajnejh li l-proċedura li hija maħsuba biex titqies talba bħal din hija waħda sommarja, billi m'huwiex mistenni li jitressaq quddiem il-Qorti fi stadju bħal dak kulma jmissu jitressaq quddiemha waqt is-smigħ tal-kawża dwar l-istess jedd;*
>
> *Illi minn dan joħroġ li l-Mandat ta' Inibizzjoni huwa meżż proċedurali eċċezzjonali u mhux narmali ta' provediment legali. Il-ħarsien li l-liġi timmira għalih fit-talba tal-parti rikorrenti huwa dak li, mingħajr il-ħruġ tal-Mandat, il-jedd li jista' jkollu jitneħħa darba għal dejjem u b'mod irrimedjabbli. Dan ma jfissirx li l-fatt li talba għall-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni tintlaqa', ikun ifisser li l-jedd huwa ippruvat. Bħalma lanqas*

> *ifisser li l-fatt li talba għall-ħruġ ta' Mandat bħal dak ma tintlaqax ikun ifisser li l-jedd pretiż ma jeżistix. It-tiftix li trid tagħmel il-Qorti huwa dak jekk, bl-għamil li minnu qiegħed jibża' r-rikorrent, jistax jintilef darba għal dejjem jedd li l-istess rikorrent jidher li għandu fil-waqt li ħareġ it-talba għall-ħruġ tal-Mandat;*

*8. Illi mis-suespost johrog b'mod l-aktar car illi t-talba mressqa quddiem dina l- Onorabbli Qorti permezz tal-proceduri odjerni hija wahda frivola u nfondata stante illi l-elementi rikjesti mil-ligi ghall-hrugta' Mandat ta' lnibizzjoni ai termini tal-Artiklu 873 (2) tal-Kap. 12 u cioe (1) l-htiega tal-hrug tal-Mandat biex jitharsu l-jeddijiet tar- rikorrent u li (2) r-rikorrent prima facie jidher li ghandu dawk il-jeddijiet, ma jissussistux fil-kaz odjern;*

*9. Illi peress li l-pretensjoni tar-rikorrent gia hi kawtelata bil-Mandati precedent, ir-rikorrent mhu ser ibaghti l-ebda pregudizzju jekk il-Mandat odjern jigi michud, u konsegwentament l-element tal-pregudizzju ai termini tal-Artiklu 873 (l) tal-Kap. 12 ukoll ma jissussistix fil-kaz odjern;*

*10. Illi di piu, it-talba kif imressqa fir-rikors odjern hija wahda abbuziva stante illi hija mmirata mhux li tikkawtela d-drittijiet tar-rikorrent izda li tkasbar bla bzonn lill esponent;*

*11. Illi ghaldaqsant, in vista tas-suespost, ai termini tal-Artiklu 836 (3) tal-Kap. 12, l-esponent bl-akbar rispett jitlob illi id-digriet mahrug minn dina l-Onorabbli Qorti datat 27 ta' April 2015 ghandu jigi revokat u t-talbiet tar-rikorrenti ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra tieghu."*

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-mandat;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

Rat l-Art.873 sa l-Art.877 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta` Malta;

**Ikkonsidrat:**

Mill-provi migjuba mill-attur jirrizulta illi l-attur ghandu jiehu €42,000 prezz ta' dghajsa konsenjata lil Vella. Illi l-attur kien qieghed jintavola kawza ghal-bilanc ta' prezz u cioe €33,000. Minkejja illi id-dghajsa giet sekwestrata l-attur permezz ta' *survey report* ezebiet Dok. AC1 a fol. 42 isostni illi l-pretensjoni tieghu ma hijiex adegwatament kawtelata stante li din id-dghajsa giet stmata €20,000. Illi di piu' meta hareg Mandat ta' Sekwestru fuq l-intimat dan ma halliex frott stante li gew sekwestrati ftit mijiet. Illi ghaldaqstant l-kreditu pretiz mill-attur ma kienx adegwat kawtelat.

Illi mix-xhieda prodotta mill-intimat jirrizulta illi l-partijiet dahhlu f'konvenju ta' kompro-vendita li fih Victor Vella wieghed li jbiegh lil Charles Schembri tlett appartamenti u tlett garaxijiet bi prezz ta' Lm128,000 ekwivalenti ghal €298,159.80, minn liema prezz kien ser jitnaqqas is-somma ta' €42,000 prezz ta' dghajsa li ntrabat li jixtri Victor Vella fuq l-istess att. Jidher illi dan in-negozju ta' kompro-vendita ma sehhx 'l ghaliex Schembri ***"ma onorax il-weghda tieghu li jixtri l-imsemmija proprjeta' u ried lill-intimat Vella ihallsu l-prezz tad-dghajsa."*** – Vide risposta a fol. 13.

Rigward din il-kwistjoni, r-rikorrenti Schembri intavola l-kawza 140/14 JZM. L-intimat Vella f'dik il-kawza rribadixxa li l-attur seta' jiehu lura d-dghajsa lura sabiex l-partijiet jigu lura integrati fil-posizzjoni li kienu qabel.

Schembri intavola zewg mandati kawtelatorju Mandat ta' Qbid 596/14 u Sekwestru 193/14.

L-attur qaghad fuq ir-rikors guramentat promotorju u prezenta dokumenti CS1 *survey report* ta' dghajsa ezegwit mill-*marine surveyor* Anthony Dalli, a fol. 42 sa 46 u CS2 a fol. 47 et seq, li huma r-ricerki fuq l-assi ta' Victor Vella.

**Ikkonsidrat:**

Skond l-Artikolu 873(1) tal-Kap.12, l-iskop ta'Mandat ta' Inibizzjoni hu dak li jzomm persuna milli taghmel kwalunkwe haga li tista' tkun ta' pregudizzju ghall-persuna li qed titlob il-mandat.

Skond l-Artikolu 873(2) tal-Kap.12, il-Qorti m'ghandhiex tohrog tali mandat jekk ma tkunx sodisfatta li dak il-mandat huwa mehtieg sabiex jitharsu l-jeddijiet tar-rikorrent, u li r-rikorrent *prima facie* jidher li ghandu dawk il-jeddijiet.

Mill-Artikolu 873(2) tal-Kap.12, ghalhekk, johorgu zewg elementi li r-rikorrent jrid jissodisfa:

**Fl-ewwel lok**, irid juri li l-mandat huwa mehtieg sabiex jitharsu jeddijiet li jippretendi li ghandu; u
**Fit-tieni lok**, irid jipprova li *prima facie* ghandu dawn il-jeddijiet.

Il-ligi thares il-jedd *prima facie* bħala rekwizit meħtieg għall-ħrug tal-Mandat. Irid ghalhekk, ikun jedd, anke jekk *prima facie,* biex jimmerita harsien. Mhux bizzejjed li jkun semplici diffikulta', disagju jew tħassib [ara digriet – Qorti tal-Kummerc – **26 ta` Mejju 1995** fl-atti tar-Rikors għall-ħrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni fl-ismijiet "**Cassar Pullicino noe vs Caruana Curran noe et**" (Kollez. Vol: LXXIX.iv.1387)]

Dwar il-prova tal-jedd *prima facie*, l-Qorti tal-Appell, fis-sentenza taghha tal-**14 ta' Lulju 1988** fil-kawza **Grech pro et noe vs Manfre`** (Kollez. Vol. LXXII.II.295) irriteniet is-segwenti:

> ***"... huwa rekwizit oggettiv u mhux soggettiv, ma jiddependix mill-element diskrezzjonali tal-gudikant, jew il-jeddijiet jidhru 'prima***

> ***facie', ma' l-ewwel daqqa t'ghajn, jew ma jidhru xejn, ghall-finijiet tal-hrug tal-mandat."***

Tenut kont tal-fatt illi s-subinciz (2) huwa marbut ma` s-subinciz (1) tal-Artikolu.873, il-Qorti trid tqis ukoll l-element tal-pregudizzju. Rikonoxxut il-jedd prima facie tar-rikorrenti, l-grad ta' pregudizzju rikjest bhala bazi ta' akkordar ta' hrug ta'mandat, hu pregudizzju **"li ma jkun jista' jigi irrimedjat".**

Irid jinghad ukoll **jekk l-inkonvenjent jew in-nuqqas lamentat jista' jitneħħa**, **mqar b'deċiżjoni wara li jiġi mistħarreġ il-każ fil-mertu, jiġi nieqes dan l-element meħtieġ għall-ħruġ tal-Mandat.** (Vide digriet tal-Prim`Awla tal-Qorti Civili deciz fit-**2 ta` Jannar 1993** - Atti tar-Rikors għall-ħruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni fl-ismijiet "**Avukat Victor Borġ Grech vs Joseph Gasan et noe**")

Illi apparti minn dan, hsara jew pregudizzju **ma titqiesx bhala irrimedjabbli meta si tratta ta' telf pekunjarju cioe telf ta' qliegh jew flus.** Di fatti, skond l-insenjament moghti fid-degriet finali fl-ismijiet **Francis Barbara et vs Carmelo Barbara et** deciza **fit 13 ta Mejju 2014**, per **Onor Imhallef J.R.Micallef** :

> ***"Tqis illi huwa ukoll mizmum li il-hrug ta Mandat ta Inibizzjoni ma jinghatax generalment fejn il-pretensjoni ta min jitolbu tkun wahda li tirreferi ghall kumpens kwantifikabbli u hlas ta danni meta dan jista jithares b'remedju procedurali kawtelatorju iehor skond il-ligi"***

Vide ukoll **IWT Group Malta Ltd vs Direttur Generali Kuntratti et** deciza fil-**11 ta' Marzu 2003**.

Il-Mandat ta' Inibizzjoni **huwa meqjus bhala mezz procedurali ta` natura eccezzjonali** (Vide **Charles Mugliett vs Saviour Bonnici** deciza fil-**25 ta' Jannar 2005** per **Imhallef Joseph R. Micallef** :

> ***"... il-harsien li l-ligi qeghda timmira ghalih bi procediment bhal dak tal-lum huwa li, minghajr il-hrug tal-Mandat, il-jedd li jista' jkollu r-rikorrent jitnehha darba ghal dejjem..."***

Illi il-Qorti taghraf illi ghandha taghmel accenn ghal dak ritenut fid-digriet ta' dawn il-Qrati datat **18 ta'Lulju 2008** fl-ismijiet **Av. Dr. John Gauci vs Direttur tal-Kuntratti**:

> ***"Ir-rabta ta' Mandat t'Inibizzjoni m'ghandhiex tintuza bhala arma ta' theddid jew geghiel (arm twisting) lill-parti intimata li, jew taghmel dak li tixtieq il-parti rikorrenti jew ma taghmel xejn. B'dan il-mod, il-mandat ma jibqghax ghodda li thares il-jedd prima facie tal-parti rikorrenti, imma ssir sarima li zzomm lil parti intimata milli tgawdi l-jeddijiet taghha. Il-Qorti hi tal-fehma li qatt ma kienet ir-rieda tal-ligi li l-Mandat ta'Inibizzjoni jinbidel f'arma bhal din."***

Illi jinghad ukoll illi l-fatt li tintlaqa' talba ghall-hrug ta' l- Mandat, ma jfissirx li l-jedd ikun ippruvat. Kif daqstant iehor ma jfissirx, illi ghax talba ghall-hrug ta' Mandat ma tintlaqax, allura l-jedd pretiz ma jezistix.

Ir-rekwiziti ghall-hrug tal-Mandat huma kumulattivi mhux alternattivi. Ghalhekk jekk xi wiehed minnhom ma jirrizultax, il-Qorti ghandha tichad it-talba ghall-hrug ta' l-Mandat. – vide **V&C Contractors Limited et vs Direttur tal-Kuntratti** deciza fil-**31 ta'Jannar 2011** per **Onor Imhallef J.Zammit McKeon**.

Tajjeb jinghad ukoll li procedura ta` din ix-xorta hija ntiza sabiex tkun sommarja, billi m'huwiex mistenni li jitressaq quddiem il-Qorti fi stadju bhal dan, kulma jmissu jitressaq quddiemha, waqt is-smiegh tal-kawza dwar il-jedd.

**Ikkonsidrat:**

Illi mill-provi illi ingabu a konjizzjoni ta' din il-Qorti, jirrizulta illi r-rikorrenti Schembri bil-kemm pprova sal-grad tal-prima facie li ghandu **dritt pekunjarju semplici** kontra l-intimat. Issa skond il-gurisprudenza fuq citata, senjatament **Francis Barbara et vs Carmelo Barbara et** deciza **fit 13 ta Mejju 2014**, per **Onor Imhallef J.R.Micallef** ukoll **IWT Group Malta Ltd vs Direttur Generali Kuntratti et** deciza fil-**11 ta' Marzu 2003, Mandat t'Inibizzjoni ma jinharigx fuq pretensjoni pekunjarja** u ghaldaqstant jonqos ir-rekwizit ta' hsara rrimedjabbli - vide ukoll **Giovanni Grech vs Kirsten Grech** deciza **21 ta' Mejju 2015**.

Illi apparti minn dana kollu jidher illi l-pretensjoni tal-attur hija ben kawtelata bil-Mandat ta'Qbid tal-istess dghajsa mibjugha fl-ahhar ta' Novembru 2013 u Mandat ta' Sekwestru.

Din il-Qorti lanqas ma tista' tifhem kif dghajsa mibjugha ghal **€42,000 fl-ahhar ta' Novembru 2013**, tista' tinghata valur ta' **€20,000 fit-8 t'April 2015** - vide *survey report* SC1 a fol. 47 li del resto lanqas ma huwa mahluf minn min ghamlu. Din il-Qorti ma giet mgharrfa b'ebda danni li gew kawzati fuq din id-dghajsa mid-data tal-bejgh il-quddiem u lanqas ma jirrizulta mill-istess *survey* xi xrara t'evidenza f'dan ir-rigward.

Ghaldaqstant l-Qorti tqis illi ma jikkonkorrux l-elementi kostituttivi mehtiega ghall-hrug ta' Mandat ta' Inibizzjoni kontra l-intimat.

Ghal dawn il-mottivi l-Qorti:

Tichad it-talba tar-rikorrenti ghall-hrug ta'Mandat ta' Inibizzjoni kontra l-intimat billi ma ntweriex illi jirrizultaw l-elementi kollha mitluba mill-ligi ghal hrug tieghu;

Thassar *contrario imperio* d-digriet taghha datat 27 t'April 2015, sa fejn kienet laqghet it-talba b'mod provvisorju;

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti.

**Moghti kameralment fit-23 ta' Gunju 2015**

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------